# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2025**

**Avviż Nru: 8/2025**
**Nru fuq il-Lista: 10**

**Fl-atti tal-kawża numru: 405/2003 SM fl-ismijiet:**

**Henry Scicluna (K.I. 540982M)**

**vs**

**Pierre Nani (K.I. 718562M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-attur mressaq fl-14 ta' Jannar 2025[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Diċembru 2005 fl-ismijiet "Henry Scicluna vs Pierre Nani" (Avviż Numru: 405/2003 SM), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok.* ***A****, l-intimat Pierre Nani ġie kkundannat iħallas*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*lill-esponenti Henry Scicluna s-somma ta' erbat elef, mija u ħamsa u tletin Lira Maltin (LM 4,135), illum ekwivalenti għal €9,631.96, flimkien mal-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi.*

2. *Illi l-intimat Pierre Nani baqa' inadempjenti, u dan id-dejn għadu ma tħallasx minkejja li għaddew iktar minn dsatax-il (19) sena.*

3. *Illi għaddew iktar minn għaxar (10) snin minn dakinhar li s-sentenza hawn fuq imsemmija setgħet ġiet eżegwita, u għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistax jipproċedi mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

4. *Illi d-debitu tal-intimat illum jammonta għal €26,664.04 rappreżentanti kif spjegat hawn taħt:-*

| | *LM* | *€* |
|---|---|---|
| *Sorte* | *4,135* | *9,631.6* |
| *Valur tat-Taxxa* | *899.93* | *2,096.27* |
| *VAT fuq Drittijiet Professjonali* | *91.92* | *214.12* |
| *Imgħax mit-12 ta' Diċembru 2005* | *6,320.02* | *14,721.69* |
| *TOTAL* | *11,446.87* | *26,664.04* |

*kopja tat-taxxa tal-ispejjeż li saru fil-kawża hawn fuq imsemmija tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok.* ***B****.*

5. *Illi ai finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rikorrenti Henry Scicluna jiddikjara li l-ammont ta' LM 4,135, illum*

*ekwivalenti għal €9,631.96, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet skont il-liġi għadhom kollha dovuti stante li ma sar ebda pagament mill-intimat Pierre Nani relattiv għas-sentenza hawn fuq indikata.*

*Għaldaqstant, u in vista tal-premess, ir-rikorrenti Henry Scicluna jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ossija s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Diċembru 2005 fl-ismijiet "Henry Scicluna vs Pierre Nani" (Avviż Numru: 405/2003 SM), ai termini tal-Artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimat.*

Rat id-digriet tagħha tat-21 ta' Jannar 2025[2].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2025[3] meta l-konvenut ingħata żmien sabiex iressaq tweġiba formali[4].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-8 ta' April 2025 minn fejn irriżulta li l-konvenut ma kienx ressaq risposta jew irreġistra dehra fil-proċeduri. Dakinhar instemgħet ix-xhieda ta' Henry Scicluna[5] u l-proċeduri tħallew għad-deċiżjoni li qiegħda tingħata llum kif skedat.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

---

[2] A fol 11 tal-proċess.
[3] A fol 33 tal-proċess.
[4] A fol 17 tal-proċess.
[5] Din tibda a fol 19 tal-proċess.

Illi din hija deċiżjoni dwar rikors magħmul ai termini tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li l-attur kien kiseb titolu eżekuttiv fil-konfront tal-konvenut bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti (kif hemm preseduta) fit-12 ta' Diċembru 2005.

Illi tajjeb jingħad li l-liġi hija siekta dwar jekk fi proċeduri bħal dawn, il-konvenut għandux jingħata dritt ta' tweġiba u jekk għandux ikun hemm smiegħ. Din il-Qorti tqis li ġaladarba ir-rikors jiġi maħluf minn min jagħmlu, allura anke in osservanza tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*[6], huwa xieraq li l-allegat debitur jingħata terminu sabiex jirrispondi. Solitament hekk tagħmel din il-Qorti kif hawn preseduta fid-digriet tal-appuntament, iżda peress li dan ma sarx f'dak id-digriet, il-Qorti reġgħet tat opportunità lill-konvenut waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2025. Il-konvenut naqas milli jidher u li jressaq risposta.

Illi huwa ben magħruf ukoll li f'proċedura bħal din, m'huwiex xogħol il-Qorti li terġa toħloq kanonizzazzjoni ġdida tal-kreditu, iżda huwa biss limitat sabiex jara li jkun skada iż-żmien tal-eżegwibilitá tat-titolu eżekuttiv u li l-obbligazzjoni tal-ħlas tkun għada eżistenti[7].

---

[6] Fost diversi, din il-Qorti tirreferi għal dak raġunat u deċiż fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta vs Avv. Martin Fenech *et noe,*** (Rik Maħluf Nru: 854/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-24 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

[7] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Edgar Fava vs Gerald Rapinett *et,*** (Rik Nru: 1122/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar 2021. Issir ukoll referenza għat-tfakkira magħmula fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Barclays Bank p.l.c. vs Martin Buhagiar *et,*** (Rik 490/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023, fejn intqal hekk: *"Din il-Qorti terġa' tfakkar ukoll li l-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun tilef eżegwibilità tiegħu. Dik ilproċedura ma kienet qatt maħsuba biex tistabbilixxi kemm hu d-dejn li għadu dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri ta' din l-għamla, l-għan tal-Qorti huwa li tara jekk it-titolu eżekuttiv laħaqx "għalaq" u jekk kemm il darba d-dejn kanoniżżat kienx għadu, imqar f'biċċa minnu, mhux Imħallas"*

Illi wara li din il-Qorti reġgħet rat ir-rikors promotur, ikkonfermat bil-ġurament kif trid il-liġi, u semgħet ix-xhieda ta' Henry Scicluna, issib lit-talba għandha tiġi milqugħa.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqá t-talba tal-attur u tiddikjara li t-titolu miksub permezz tas-sentenza fl-ismijiet premessi bl-Avviż Nru: 405/2003) mogħtija min din il-Qorti nhar it-12 ta' Diċembru 2005 bħala esegwibbli mill-ġdid.

L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur